MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2012

Numru. 715/2000

Il-Pulizija
(Sp Angelo Gafa)
vs
Eleno Bezzina, iben Joseph, imwieled Pieta' fis-17 ta' Lulju, 1964, karta ta' l-identita numru 427664(M)
u
Emanuel Pace, iben Anthony, imwieled l-Ingilterra fil-31 ta' Marzu, 1966, karta ta' l-identita numru 99585(M)

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputati talli f'dawn il-Gzejjer, fix-xahar ta' Settembru, 2000 u fix-xhur ta' wara b'diversi atti magħmula fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi:
a. għamlu falsifikazzjoni f'att awtentiku jew pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħolqu

pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħlu dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li jkunu ġew iffurmati, inkella li żiedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioe' għamlu falsifikazzjoni ta' diversi firem fuq cheques tal-Bank of Valletta ta' Ivan Azzopardi u talli xjentement għamlu użu mill-istess skritturi jew kitba falza;

b. iffalsifikaw ċedola, polza, ordni jew dokumenti oħra u cioe' cheques tal-Bank of Valletta fuq il-kont ta' Ivan Azzopardi u persuni oħra, illi meta jiġu prezentati wieħed jista' jirċievi bih ħlas jew jieħu kunsinja tal-oġġetti, jew jiġbor depozitu jew rahan minn uffiċju pubbliku, jew minn banek jew stabiliment pubbliku ieħor imwaqqaf jew magħruf b'xi att pubbliku tal-Gvern u aktar talli għamlu użu mill-istess karta msemmija;

c. xjentement laqgħu għandhom jew xtraw affarijiet misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun indaħħlu biex imexxuhom jew ibiegħuhom;

lil **Eleno Bezzina**, waħdu:

1. talli għamel falsifikazzjoni f'att awtentiku jew pubbliku jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħoloq pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li jkunu ġew iffurmati, inkella illi żied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioe' għamel falsifikazzjoni ta' cheques ta' Ivan Azzopardi u ta' persuni oħra u aktar talli xjentement għamel użu mill-istess skritturi jew kitba falza;

2. talli b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti mmaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika għamel qliegħ ta' Lm97 għad-dadnnu ta' Edwin's

Ironmongery, Lm105 għad-dannu ta’ Astral, Lm281.75 għad-dannu ta’ Joseph Gauci, Lm98 għad-dannu tal-Bank of Valletta, Attard, Lm48 għad-dannu tal-Bank of Valletta, Qormi, Lm70 għad-dannu ta’ A. Pirotta, Lm548.34 għad-dannu ta’ Satariano Limited, Lm450 għad-dannu ta’ J. B. Plastics Limited, Lm268.88 għad-dannu ta’ Mario Debattista, Lm1,000 għad-dannu ta’ Eros, Lm700 għad-dannu ta’ Guillamier u dan bi ħsara għal Ivan Azzopardi, Bank of Valletta, Joseph Gauci, Astral, Mosta Bacon, Edwin’s Ironmongery, A. Pirotta, Satariano, J. B. Plastics, Mario Debattista, Eros, Guillamier u persuni oħra;
3. talli sar reċidiv skont l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali b’sentenzi ta’ din il-Qorti tal-25 ta’ Marzu, 1998 u l-24 ta’ Ġunju, 1999;
lil **Emanuel Pace**, waħdu:
1. talli b’mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b’oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ ħila, setgħa fuq ħaddieħor jew ta’ krediti mmaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża’ dwar xi ġrajja kimerika, għamel qliegħ ta’ Lm433 għad-dannu ta’ Ivan Azzopardi, il-Bank of Valletta u persuni oħra;
2. talli sar reċidiv skont l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali b’sentenzi ta’ din il-Qorti tal-11 ta’ Mejju, 1990, tal-5 ta’ Novembru, 1990, tas-17 ta’ Jannar, 1992 u tat-22 ta’ Ottubru, 1996;
3. talli kiser il-provvedimetni tal-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Liġijiet ta’ Malta b’sentenza tal-20 ta’ Ottubru, 1998.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tat-18 ta’ Mejju, 2009 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputati u billi jidhirlu li tista’ tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:
Fir-rigward ta’ **Eleno Bezzina**, waħdu:
a. fl-artikoli 167, 169 u 18 tal-Kodiċi Kriminali;
b. fl-artikoli 183, 184 u 18 tal-Kodiċi Kriminali;
c. fl-artikolu 334 tal-Kodiċi Kriminali;
d. fl-artikoli 183, 184, 188 u 18 tal-Kodiċi Kriminali;
e. fl-artikoli 308, 309, 310(1)(b) u 18 tal-Kodiċi Kriminali;
f. fl-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali;

g. fl-artikoli 17, 18, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali;
Fir-rigward ta' **Emanuel Pace**, waħdu:
a. fl-artikoli 167, 169 u 18 tal-Kodiċi Kriminali;
b. fl-artikoli 183, 184 u 18 tal-Kodiċi Kriminali;
c. fl-artikolu 334 tal-Kodiċi Kriminali;
d. fl-artikoli 308, 309, 310(1)(b) u 18 tal-Kodiċi Kriminali;
e. fl-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali;
f. fl-artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta;
g. fl-artikoli 17, 18, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanza oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Marzu, 2012 fejn l-imputati taw il-kunsens tagħhom biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' Mejju, 2012 fejn l-imputati ammettew l-akkużi miġjuba kontra tagħhom.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputati dwar il-piena.

Ikkunsidrat,

Illi dan il-kawża kellu l-bidu tiegħu fis-sena 2000. Kien inħaraq fit-12 ta' Lulju, 2004 u kellhu jerġa jiġi rikostruwit mill-bidu. Dawn il-fatturi ser jittieħdu in konsiderazzjoni fl-erogazzjoni tal-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputati ħatja tat-tielet akkuża miġjuba kontra tagħhom u għalhekk tilliberhom mill-istess akkuża. Issibhom ħatja tal-akkużi l-oħra kollha. Fil-konfront ta' **Eleno Bezzina**, rat l-artikoli 167, 169, 183, 184, 188, 308, 309, 310(1)(b), 18, 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta' erbatax il-xahar priġunerija. Fil-konfront ta' **Emanuel Pace**, rat l-artikoli 167, 169, 183, 184, 308, 309, 310(1)(b), 18, 49 u 50 tal-

Kodiċi Kriminali u l-artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta u tikkundannah għal piena ta’ erbatax il-xahar priġunerija. Fiċ-ċirkostanzi mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali billi ma tqabbdu edba esperti fil-proċeduri.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------